MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru 281/2006

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
James Mizzi, iben Manfred,
imwieled Pieta’ fis- 16 ta’
novembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli bejn is-6 u is-7 ta’ marzu, 2005 mill-fond numru 14, Sqaq il-Knisja, Ħaż-Żabbar, ikkometta serq ta’ flus kontanti u oġġetti oħra li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin għad-dannu ta’ Grazia Cucciardi;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti ġejjin minn reati ta' serq;
3. talli sar reċidiv skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2006 fejn il-partijiet qablu li l-aggravju tal-valur u tal-ħin ma jirrizultawx.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża bl-eċċezzjoni tal-aggravju tal-valur u tal-ħin u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(e), 263, 264, 269(g), 278(1)(2), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------